ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Diċembru, 2024

Talba Nru: CCT159/23/DS

Mary Spiteri

Vs

Alex Camilleri - Daylight.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Settembru, 2023 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata tirriżarċiha l-ammont ta' disgħa u għoxrin Ewro għal lampa illi skont hi hija difettuża ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-9 ta' Ottubru 2023;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tal-attriċi bil-ġurament u ha konjizzjoni tal-affidavit tal-intimat.

Sema' t-trattazzjoni.

Ikkunsidra

Illi preliminarjament l-intimat issolleva illi kien hemm nuqqasijiet fil-lista tax-xhieda, kemm fil-mod ta' kif kien indikat l-intimat kif ukoll għall-fatt illi l-attriċi stess ma kienetx indikata.

It-Tribunal ha konjizzjoni ta' dan waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2023 u ddeċieda illi stante n-natura ta' dawn il-proċeduri u l-poteri li għandu t-Tribunal taħt il-liġi apposita, l-attriċi għandha titħalla tixhed.

Illi l-intimat eċċepixxa wkoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi stante illi sostna illi hija perenta bit-trapass ta' sitt (6) xhur hekk kif kontemplat fl-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan it-Tribunal ser jieħu konjizzjoni preliminarjament ta' din l-eċċezzjoni u jinnota illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħha in eżami u in kontro eżami.

Illi fuq mistoqsija tal-avukat difensur tal-attur hija ġiet mistoqsija għalfejn fetħet il-kawża f'Settembru, 2023 meta l-problema kienet diġa preżenti s-sajf ta' qabel hija qalet illi fis-sajf ma kientx tużaha. Qalet ukoll pero' illi *"l-ewwel darbtejn kienet użatha fi Frar u f'Marzu, 2022, pero l-lampa waqfet taħdem mat-tielet darba illi ppruvat tużaha u cioe qisu f'April, 2023."*

Illi *stante* illi jirriżulta illi l-lampa nxtrat fl-1 ta' Frar, 2022 u dan it-Tribunal mill-assjem tal-provi m'huwiex konvint illi l-lampa intużat biss tlett darbiet f'dan il-perjodu w'għaldaqstant id-difett seta' nkixef bil-wisq aktar kmieni kieku kien il-każ, u galadarba l-artikolu Artikolu 1431 tal-Kap. 16 jaqra hekk:

> "(1) *L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-**preskrizzjoni,** għal dawk li huma immobbli, bl-għeluq ta' sena minn dakinhar tal-kuntratt, u, **għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-għeluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.***
>
> *(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jgħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett."*

f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attriċi hija preskritta u għaldaqstant mhux ser tikkonsidra l-każ ulterjorment fil-mertu.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 16 u 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-

Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u jiddikjara t-talba tal-attriċi preskritta.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru